Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili Nru. 128/2013

**Christine Borda [K.I. 375073M]** **(appellata)**

**vs**

**Joseph Borda [K.I. 55574M]** **(appellant)**

30 ta' Mejju, 2017

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tat-Talba ta' Christine Borda tas-7 ta' Marzu 2013** quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema hija ppremettiet li: (i) hija u l-konvenut huma llum divorzjati izda kienu sseparaw permezz ta' kuntratt tal-10 ta' Lulju 2009; (ii) l-partijiet ghandhom zewgt itfal li huma minorenni; (iii) klawsola 7 ta' dan il-kuntratt tipprovdi li oltre l-imsemmi manteniment, ir-ragel ghandu jhallas wahdu ghall-mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, trasport u uniformijiet tal-istess minuri u ghas-servizzi medici mehtiega minnhom li ma jigux ipprovduti b'xejn mill-istat fi zmien ragonevoli; (iv) hija dejjem hallset ghal dawn l-ispejjez minn butha u dan kif jirriżulta mill-annessi ricevuti li jkopru spejjez li ghamlet ghall-minuri, liema spejjez jammontaw ghal elf, disa' mija, erbatax-il ewro u erbgħin centezmu (€1,914.40c); (v) hija anke ghaddiet kopja ta' dawn l-ircevuti diversi drabi u ppruvat tasal mal-intimat b'mod bonarju izda minghajr success; (vi) ghalkemm interpellat diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti u dejjem irrifjuta li jhallashom minghajr ebda raguni valida fil-ligi. L-attrici talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma mitluba. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat **ir-risposta ta' Joseph Borda tat-22 t'April 2013**[1] permezz ta' liema huwa ressaq is-segwenti eccezzjonijiet: (i) it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghax huwa dejjem onora l-obbligu kuntrattwali tiegħu emerġenti mill-klawsola 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni, billi dejjem hallas għall-mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, kotba, trasport u uniformijiet tal-istess minuri, kif ukoll għas-servizzi medici mehtiega minnhom. Ghaldaqstant huwa ma ghandu jhallas xejn lill-attrici; (ii) minghajr pregudizzju, l-ammont reklamat mhuwiex dovut billi l-attrici qed tirreklama spejjez li mhix intitolata ghalihom skont il-klawsola numru 7 tal-kuntratt imsemmi; (iii) subordinatament l-attrici ghandha l-obbligu li tinformah dwar il-bzonnijiet tal-minuri qabel tinkorri l-

[1] Fol 32.

ispejjez ghalihom, sabiex huwa jkun jista' jaghzel li jixtri jew ihallas direttament ghall-istess bzonnijiet indikati fi klawsola 7. L-attrici kisret dak pattwit; (iv) mingħajr pregudizzju, l-attrici trid tressaq provi sodisfacenti in sostenn tal-pretensjonijiet taghha.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tad-9 ta' Ottubru 2015** li ddecidiet hekk -

> *"Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' elf, disa' mija, erbatax-il ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,914.40c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta' Marzu 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *L-ispejjeż tal-kawża, inkluż ta' kwalunkwe mandat ippreżentat kontestwalment, ikunu a karigu tal-konvenut."*

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u l-attrici wiegbet[2]. Waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2017[3] dehru l-partijiet u d-difensuri taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-ewwel aggravju: Konkluzjoni erronea tat-Tribunal li l-appellant huwa obbligat ukoll li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez <u>kollha</u> ta' sahha u edukazzjoni favur uliedu minuri.**

L-ilment hu li:

i. Il-klawsola 7 li fuqha giet imsejsa l-kawza m'ghandha bzonn ta' ebda nterpretazzjoni;

ii. A bazi tal-artikolu 19 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal kellu jasal ghall-konkluzjoni li dawk l-ispejjez li ma jissemmewx fi klawżola numru 7 tal-kuntratt huma diga' nkorporati fir-retta alimentarja mensili mhallsa lill-appellata.

L-appellata tirribatti li:

i. Filwaqt li l-manteniment pagabbli mill-appellant huwa wiehed minimu, huwa ghandu l-obbligu skont il-kuntratt li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha edukattivi u ta' sahha ta' uliedu;

ii. L-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 19 (2) tal-Kap 16 ma hijiex li s-somma miftehma bejn ex-konjugi bhala manteniment tinkludi l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-ulied izda li jezisti obbligu ta' hlas tal-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni tal-ulied minuri.

---

[2] Fol 16 et seq.
[3] Fol 31.

Altrimenti ma kienx ikun hemm htiega li fil-kuntratt jinghad li l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u s-sahha ser jithallsu oltre l-manteniment pagabbli mill-appellant.

**Konsiderazzjoni**

**Fl-10 ta' Lulju 2009** l-attrici u l-konvenut iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech[4]. **Klawsola 7 tal-kuntratt** tipprovdi dwar il-hlas tal-manteniment ghaz-zewg uliedhom minuri. Fil-partijiet saljenti taghha l-klawsola tghid hekk –

> *"7. Il-komparenti ragel jobbliga ruhu li jhallas lill-mara, li taccetta, is-somma ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466) fix-xahar ghall-manteniment tal-imsemmija uliedhom minuri, liema somma tinqasam kwantu ghal mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) ghal kull wild, u dan sakemm l-istess minuri jghalqu l-eta' ta' tmintax (18) -il sena….*
>
> ***Il-partijiet jiftiehmu inoltre li, oltre l-imsemmi manteniment, ir-ragel ghandu jhallas wahdu ghal-mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, transport u uniformijiet tal-istess minuri, u ghas-servizzi medici mehtiega minnhom li ma jigux provduti b'xejn mill-Istat fi zmien ragonevoli**."*

Jigi sottolineat fl-ewwel lok, kif intqal fil-kaz fl-ismijiet **Golden Bun Manufacturing Co. Ltd vs Korporazzjoni Maltija ghall-Intrapriza et deciz fis-26 ta' Novembru 2015**[5] li:

> *"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. (Pacta sunt servanda). (**"Gloria mart Jonathan Beacon et vs L-Arkitett u Ngineer Civili Anthony Spiteri Staines" –** App Civ. Deciza fil-5 ta' Ottubru 1998).*
>
> […]
>
> *Fil-materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratt ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili, li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car m'hemmx lok ghal interpretazzjoni (**Ara sentenza rapportata f'Vol.XXXIV.i.p27**, u **"Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar"** deciza fil-15 ta' Dicembru 1995 **Kollezz LXXXIX.ii.704 u, "Improve Design Ltd. vs Ray's Car Hire Ltd. et "** P.A. deciza fis- 6 ta; Dicembru 2012). F'dan l-istess kaz, kompla jinghad:*
>
> *"Hu biss meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, li ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet. (Artikolu 1003 tal-Kap 16)."*

Ghalkemm id-dicitura ta' klawsola 7 tal-kuntratt, jekk tittiehed litteralment, tista' *prima facie* tiftiehem li hija cara u minghajr htiega ta' nterpretazzjoni, huwa evidenti li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar l-intendiment taghha ghaliex it-tnejn qeghdin jaghtu nterpretazzjoni differenti ghal dak li

[4] Fol 4 et seq.
[5] Rik Nru 402/2006 LSO.

hemm miktub. Fic-cirkostanzi, jehtieg ghalhekk li tigi ndagata l-intenzjoni tal-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt.

L-appellata xehdet hekk dwar il-kuntratt ta' separazzjoni –

> *"Nghid illi fl-istess kuntratt ahna konna ftehmna li oltre l-manteniment zewgi kellu jikkontribwixxi ghal uliedna Shaun u Neil l-ispejjez medici u edukattivi kollha u dana skond l-artikolu sebgha (7) tal-istess kuntratt. Nghid illi minn meta sseparajna kien hemm xi spejjez li fil-fatt zewgi hallashom izda kien hemm uhud li ma hallashomx…..[6]".*

L-appellant minn naha tieghu xehed hekk –

> *"Skont il-kuntratt tas-separazzjoni taghna li jinsab esibit a fol 4 et sekwitur tal-process jien b'kollox lil Christine naghtiha s-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) fis-sena bhala manteniment ghal-dawn iz-zewgt itfal li semmejt. Nghid illi in oltre li nhallas il-manteniment jien rbatt ruhi illi nhallas wahdi ghal mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola, lezzjonijiet privati, kotba, transport u uniformijiet tal-istess minuri, u ghas-servizzi medici mehtiega minnhom li ma jigux provduti b'xejn mill-Istat u dan skont l-ahhar parti tas-sebgha klawsola tal-kuntratt citat….Nghid illi fil-fehma tieghi jien ghandi nhallas ghas-servizzi medici u mhux ghal medicini tat-tfal u fil-fatt nghid illi jiena lit-tfal inhallsilhom life insurance halli jekk ikun hemm xi operazzjoni li ghandhom bzonn li ma tkunx b'xejn mill-istat din tkun koperta mill-assikurazzjoni tas-sahha. Nghid illi jiena ilni nhallsilhom polza tal-assikurazzjoni tas-sahha minn mindu twieldu…pero' nghid illi meta sseparajna gieli offrejtilha li nhallas xi haga izjed izda dan buona volonta' tieghi[7]."*

Nonostante din ix-xhieda tal-appellant, gew esibiti wkoll skambju ta' emails bejn il-partijiet[8] li juru fost ohrajn li l-appellant mhuwhiex qieghed joggezzjona ghall-hlas tal-medicini tat-tfal izda nsista biss li l-kontijiet relattivi ghandhom jidentifikaw il-medicina li ghaliha qed jintalab hlas. F'email datata 9 ta' Novembru 2010[9] huwa jghid hekk –

> *"Kindly give me an itemized bill for the medicines and the doctor's prescriptions. If you don't have an itemized bill, for this time write them yourself with the prices.* ***I have no problem for paying anything for the boys****…".*

Tlett ijiem wara, fit-12 ta' Novembru huwa rega' tenna li fir-rigward tal-medicini huwa ried *itemized bill* u l-preskrizzjoni tat-tabib[10].

Kif jidher car minn dak l-iskambju ta' emails, l-uniku lment tal-appellant kien li ma riedx li l-appellata tipprova tapprofitta ruhha minnu fir-rigward tal-ammont tal-ispejjez. Imkien ma qal li huwa m'ghandux ihallas ghal dawn il-medicini. Dan jikkonfliggi sew mal-pozizzjoni li l-appellant ha f'dawn il-proceduri fejn issa qed jargumenta li skont il-kuntratt huwa m'ghandux jaghmel tajjeb ghal dawn it-tip ta' spejjez.

---

[6] Fol 35.
[7] Fol 113.
[8] Fol 67 et seq.
[9] Fol 69-70.
[10] Fol 67.

Dwar dawn l-emails l-appellata xehdet hekk[11] –

> *"Jien nghid li dawn l-emails jikkonfermaw dak illi konna ftehmna fil-kuntratt tas-separazzjoni taghna fejn konna ftehmna illi s-Sur Borda kellu jhallas l-ispejjez edukattivi u tal-medicini kollha u mhux in-nofs u dan oltre l-manteniment li kellu jghaddili kull xahar. Fil-fatt huwa minn dejjem kien jghid illi ser ikopri l-ispejjez tal-edukazzjoni u tas-sahha wahdu u fil-fatt kien tnizzel hekk fil-kuntratt u dawn l-emails jikkonfermaw il-volonta' tieghu li jaghmel dawn il-pagamenti."*

Inoltre f'ittra legali mibghuta mill-appellant fit-30 ta' Lulju 2011[12] l-appellant ikkonferma wkoll li skont il-kuntratt ta' separazzjoni huwa kien, *"intrabat li jhallas l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni"* ta' wliedhom.

Ghall-Qorti, l-fatt wahdu li fir-rigward tal-ispejjez edukattivi gew specifikati l-ispejjez saljenti nvoluti, ma jeskludix l-ispejjez ohra edukattivi fosthom dawk tal-*istationery* li wkoll huma mehtiega ghall-istess skop.

Mehudin dawn l-osservazzjonijiet kollha flimkien il-Qorti tqis ghalhekk li l-ispirtu **<u>shih</u>** tal-klawsola 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni kif intiz miz-zewg partijiet kien li oltre l-hlas tal-manteniment mensili li jkopri l-bzonnijiet gornaljeri u generali taz-zewg ulied minuri, l-appellant kien qieghed jintrabat ukoll li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez **<u>kollha</u>** li kellhom x'jaqsmu mas-sahha u l-edukazzjoni ta' wliedu.

L-argument tal-appellant li l-artikolu 19(2) tal-Kodici Civili jfisser li l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha huma nkluzi fir-retta alimentarja pattwita bejn il-partijiet, ma tregix in kwantu l-materja hi regolata mill-kuntratt ta' separazzjoni. Ma kien hemm xejn x'izomm lill-kontendenti milli jiftehmu kif jinghad fi klawzola 7 tal-kuntratt.

Fl-ahharnett jinghad li r-rikors, ir-risposta u d-digriet tal-Qorti tal-Familja[13] fir-rigward ta' talbiet simili ghall-kaz tal-lum huma rrilevanti ghall-vertenza anke ghax l-appellant stess kien fost ohrajn issolleva kwistjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ta' dik il-Qorti, liema raguni giet, flimkien ma' ohrajn imressqa minnu milqugha minn dik l-istess Qorti (ara digriet tas-26 ta' April, 2014 a fol. 135).

Ghaldaqstant, tichad l-aggravju.

**It-tieni aggravju: It-Tribunal zbalja meta akkorda t-talba attrici in kwantu ntalab hlas ghall-ispejjez relatati mas-sahha tal-minuri li diga' huma nkorporati fir-retta alimentarja.**

L-ilment huwa li:

---
[11] Fol 65.
[12] Fol 134.
[13] Fol 119 et seq.

i. Bir-retta alimentarja li qed ihallas l-appellant fix-xahar, oltre spejjez ohra bhal *private health insurance*, l-ispejjez tal-medicini tal-minuri huma diga' nkluzi u t-Tribunal ma kellux jilqa' t-talba attrici fir-rigward;

ii. L-appellant qatt ma pprova jahrab mill-obbligi kontrattwali tieghu;

iii. It-Tribunal ma ghamel ebda distinzjoni bejn dawk li huma spejjez medici (u cioe' spejjez ta' sahha) u dawk li huma servizzi medici;

iv. Skont l-appellant huwa m'ghandux jerga' jaghmel tajjeb ghall-ispejjez medici ghaliex huma nkorporati fil-manteniment salv ghas-servizzi medici li m'humhiex provduti b'xejn mill-Istat;

v. Il-medicini li qed jintalab hlas taghhom ma setghu qatt jigu meqjusa li jaqghu taht id-definizzjoni ta' "servizz".

L-appellata tirribatti li:

i. Kif sewwa qal it-Tribunal, l-ilment huwa kollu loghob bil-kliem da parti tal-appellant;

ii. is-servizzi medici (servizzi tat-tobba) huma diga' koperti minn zewg poloz ta' assikurazzjoni mhallsa minn entrambi l-partijiet;

iii. l-emails mibghuta mill-appellant stess juru r-rikonoxximent tieghu li huwa obbligat jaghmel tajjeb ghall-ispejjez medici reklamati mill-appellata.

## Konsiderazzjoni

Kif diga' nghad fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-appellant huwa meqjus obbligat skont il-kuntratt li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez medici kollha taz-zewg minuri, inkluz ghalhekk tal-prodotti medicinali mehtiega. Konsegwentement l-argumenti mressqa f'dan l-aggravju huma nfondati.

Ghal kull buon fini jinghad li kull distinzjoni li l-appellant qed jipprova jaghmel bejn servizzi medici u spejjez medici hi superfluwa. Ukoll li l-fatt li hemm zewg poloz tal-assikurazzjoni tas-sahha jkopru htigijiet medici tat-tfal[14] ma jnaqqas jew ibiddel xejn mill-obbligi kuntrattwali tal-appellant fir-rigward tal-ispejjez konnessi mas-sahha tal-istess minuri.

Dak li nvece tissottolinea l-Qorti fir-rigward tal-ispejjez medici in kwistjoni huwa li fl-2010 l-appellant ikkonferma d-disponibilita' tieghu li jaghmel tajjeb ghall-medicini li taghhom kien qieghed jintalab il-hlas purche' huwa jinghata rendikont ta' liema medicini kienet qed issir referenza ghalihom flimkien mal-

[14] Polza mal-Atlas Healthcare Insurance Agency Ltd koperta mill-appellata (a fol 42) u Polza tal-Bupa koperta mill-appellant (a fol 117).

preskrizzjoni tat-tabib, u sal-lum il-kwistjoni ghadha stagnata. Mill-provi mressqa l-Qorti tqis li r-ragunijiet migjuba mill-appellant ghan-nuqqas ta' tali hlas kienu marbuta ma' kwistjonijiet familjari u anke ta' pika bejn il-partijiet izda mhux ma' kwistjonijiet ta' obbligi kuntrattwali.

L-appellata tghid hekk[15] –

> *"Huwa beda jgibli lista ta' skuzi ghalfejn huwa m'ghandux ihallas il-medicini fosthom illi peress li hija huwa spizjar beda jghid li forsi seta jgib dawn il-medicini b'xejn jew inkella jgib xi skont minn naha tal-employer tieghu."*

Sussegwentement hija kompliet hekk[16] –

> *"Nghid izda illi meta gie biex ihallas huwa kien dejjem isib xi skuza biex ma jhallasnix bhal per ezempju jitlobni l-karta tat-tabib maghhom jew jghidli li hija jisraq il-medicini u affarijiet bhal dawn."*

Min-naha l-ohra l-ilment tal-appellant fix-xhieda tieghu[17] huwa essenzjalment li n-numru ta' medicini li taghhom qed jintalab il-hlas huwa kbir ghall-perjodu relattiv, li l-medicini jinxtraw dejjem mill-ispizerija fejn kien jahdem hu l-appellata u li hi taqbad u tixtrihom u mbaghad tibghatlu bl-avukat.

Dan kollu jkompli juri li fis-sustanza taghha l-kontestazzjoni tal-appellant hija dwar id-dettalji tal-hlasijiet mitluba u mhux l-obbligu *per se* li huwa jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tas-sahha ta' wliedu.

Ghaldaqstant, tichad l-aggravju.

**Aggravju 3: Dwar l-ispejjez ta' sahha li taghhom qed jintalab hlas, ma saret ebda prova li dawn ma jigux provduti b'xejn mill-Istat.**

L-ilment huwa li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra jekk il-hlasijiet ta' sahha li taghhom qed jintalab hlas jigux provduti b'xejn mill-Istat. Partikolarment fir-rigward tal-hlasijiet tad-dentist, ma ngiebet ebda prova li dawn ma jigux provduti b'xejn mill-Istat fi zmien ragonevoli.

L-appellata tirribatti li:

i. Mill-provi ntwera li l-ispejjez ta' sahha li taghhom hija qed titlob hlas m'hijiex intitolata li tehodhom b'xejn mill-Istat;

ii. L-ispiza tad-dentist kienet mehtiega ghax wiehed minn uliedhom kien mugugh u kellu bzonn trattament urgenti;

---

[15] Fol 36.
[16] Fol 65.
[17] Fol 113.

iii. L-appellant stess kien irrinunzja ghall-prova li jitressaq xhud sabiex jaghti dettalji dwar dawk is-servizzi li jinghataw b'xejn mill-Istat;

iv. Proceduralment, dan it-tielet aggravju ma tressaqx bhala eccezzjoni fir-risposta quddiem it-Tribunal u ghalhekk ma jistax jitqajjem issa fl-appell.

**Konsiderazzjoni**

Dwar il-punt procedurali sollevat mill-appellata fir-rigward ta' dan l-aggravju, il-qorti tqis li dan hu nfondat. L-aggravju huwa dwar allegata nuqqas ta' prova fil-kors tas-smiegh tal-kawza. Ilment li allura ma setax jitqajjem meta l-appellant ipprezenta t-twegiba ghall-avviz tat-talba.

Ferm il-premess, l-aggravju huwa nfondat. B'zieda ma' dak li diga' nghad fl-aggravji l-ohra mill-provi rrizulta li:

i. L-appellata ma kinitx intitolata mill-Istat ghall-medicini li taghhom qed jintalab hlas. L-ispizjar Neville Buttigieg xehed hekk[18] –

> *"Mistoqsi jekk uhud mill-medicini li kienet tixtri ohti jaghtihomx b'xejn il-Gvern mill-Health Centres nghid illi possibilment ikollhom isem differenti forsi anke doza differenti izda l-istess active ingredient, pero' biex pazjent imur johodhom mill-health centre ikollu bzonn li jkun intitolat ghal dawn il-medicini….Mistoqsi jekk jiena nafx jekk Christine Borda hijiex intitolata ghal xi medicini b'xejn mill-health centre nghid li hija m'hijiex intitolata u dan nafu peress li jiena huha. Nghid illi inoltre pazjent li jkun intitolat ghal medicine b'xejn jipprezentali d-dokumenti tal-'pharmacy of your choice' maghrufa bhala POYC."*

ii. Ebda prova kuntrarja ma tressqet mill-appellant;

iii. Anzi, nonostante li huwa ghamel zewg tentattivi biex iharrek rapprezentant tal-isptar Mater Dei sabiex jixhed dwar is-servizzi tas-sahha li huma provduti b'xejn mill-Istat[19], huwa eventwalment irrinunzja ghax-xhud[20];

iv. Dwar is-servizz tad-dentist li tieghu qed jintalab hlas ta' €100[21] l-attrici xehedet li l-minuri kien mugugh. Il-qorti tifhem li hafna drabi ugiegh tas-snien jitlob attenzjoni immedjata.

L-aggravju hu michud.

**Ir-raba' aggravju: It-Tribunal akkorda t-talba ghall-hlas ta' spejjez ta' edukazzjoni meta dawn huma nkorporati fil-manteniment imhallas mill-appellant, u fi kwalunkwe kaz it-talba tal-appellata mhix bazata fuq xi klawsola tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet.**

---

[18] Fol 111-112.
[19] Fol 144 u 149.
[20] Fol 148.
[21] Fol 16.

L-ilment huwa li:

i. It-Tribunal ma kellux jakkorda favur l-attrici l-ispejjez relatati mal-*istationery* a tenur tal-klawsola 7 ghax dawn kienu nkluzi mar-retta alimentarja mensili mhallsa mill-appellant;

ii. It-Tribunal zbalja meta kkonkluda li anke jekk l-appellant ma kienx jaf in-nefqa partikolari ghal kull haga huwa kellu jkun jaf li uliedu kellhom bzonnhom partikolarment fil-bidu ta' sena skolastika. Fil-fehma tieghu, it-Tribunal kellu jara biss jekk kuntrattwalment u a bazi tal-artikolu 19 tal-Kap 16 l-appellant kienx obbligat li jaghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez;

iii. L-appellant isostni li huwa m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-attendenza tal-minuri f'Summer Culture Club u fic-*child care* ghax dawn m'humiex mizati u/jew donazzjonijiet tal-iskola.

L-appellata tirribatti li:

i. Konvenjentement l-appellant ma jsemmix li qieghed jintalab ukoll hlas ta' uniformijiet li huwa baqa' ma hallasx taghhom;

ii. L-*istationery* li tieghu qieghed jintalab hlas huwa dak inkluz fil-lista tal-kotba li tohrog fil-bidu ta' kull sena skolastika u ghalhekk din taqa' fir-responsabbilta' tal-appellant;

ii. Dak li hu msejjah "Summer Culture Club" mhu xejn hlief is-*summer school* tal-Kullegg De La Salle fejn jattendu l-minuri wlied il-partijiet. It-tfal kienu jattendu din l-iskola sajf anke fiz-zmien li l-partijiet kienu ghadhom mizzewgin. Waqt din l-iskola sajf isiru diversi lezzjonijiet bhal kompjuter, arti, muzika, drama ecc minn persuni kwalifikati fosthom ghalliema li jghallmu lit-tfal matul is-sena skolastika;

ii. Ghal dak li jirrigwarda l-hlas ta' "Mickey's Child Educare Centres", din it-talba hija wkoll abbinata ma' *summer school* u mhux ma' *child care*, ghaldaqstant ghandha tkun koperta wkoll mill-appellant.

## Konsiderazzjoni

Ghar-ragunijiet diga' moghtija fis-sentenza l-Qorti sabet li fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-2009, l-appellant kien effettivament intrabat li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez edukattivi kollha mehtiega minn uliedu minuri.

Inoltre u kif ben osservat mill-appellata, uhud mill-ircevuti li taghhom intalab hlas mill-appellata jkopru spejjez ghall-uniformijiet tat-tfal[22], liema spiza hija esplicitament imnizzla fil-kuntratt ta' separazzjoni u li l-appellant baqa' ma hallasx minghajr ebda raguni valida. Hu stess jirrikonoxxi fix-xhieda tieghu li

[22] Fol 12.

*"Dwar l-ispejjez tal-uniformijiet nghid illi jiena dawn obbligat li nhallashom[23]."* Ma ghandu jkun hemm ebda dubju ghalhekk li tali spiza ghandha tigi rifuza mill-appellant.

Dwar l-*istationery*, l-Qorti tinnota zewg talbiet: wahda ghas-somma ta' €44.31[24] u l-ohra ghal €5.61[25]. Id-dati tal-ircevuti juru li dawn inxtraw ghas-sena skolastika 2012. Huwa car mill-*itemised bills* in atti li dawn huma spejjez relatati mal-uzu ghall-iskola u ghalhekk ma hemm ebda raguni valida il-ghala m'ghandhomx jigu mhallsa mill-appellant bhall-bqija tal-ispejjez edukattivi l-ohra.

Dwar is-"*Summer Culture Club*" gew esibiti tlett ricevuti li jkopru s-sena 2010, 2011 u 2012[26] u ricevuta ohra hija tas-*Summer Club* ta' Mickey's Child Educare centre[27]. L-appellant jixhed li[28] –

> *"Rigwardanti l-ircevuti esibiti a fol 26 et sekwitur tal-process nghid illi dawn jirrigwardaw summer school u mhux l-iskola tat-tfal li normalment imorru u nghid illi jiena ma hiniex obbligat inhallas tas-summer club imma ghall-ispejjez edukattivi l-ohra. Nghid illi Christine lili ma kkonsultatnix meta giet biex tibghathom f'dawn is-summer clubs u nghid li dan is-summer club ma jkunx hemm teachers fih u ghalhekk ma huwhiex xi haga tal-edukazzjoni. Nghid illi hi tibghathom is-summer culture club peress li hija tahdem u ma jkollix fejn thalli lit-tfal, fil-fatt l-ahhar ircevuta hija dik fol 28 hija ghall-ispejjez ta' Mickey's li hija child care centre fejn hija bghatithom bejn l-iskola u l-culture club."*

Huwa pacifiku li l-appellata ghandha l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri tal-partijiet[29]. Huwa pacifiku wkoll li hija tahdem matul il-gimgha ghal diversi sighat filghodu[30]. Ma hemmx dubju ghalhekk li fic-cirkustanzi, l-istess bhal ma jigri fil-kaz ta' hafna genituri ohra li jahdmu t-tnejn, irid jinstab lok li fih l-ulied tal-partijiet jistghu joqoghdu sakemm hija tispicca mix-xoghol matul is-sajf meta jkunu bil-vaganzi tal-iskola. Mill-ircevuti anke tal-uniformijiet tat-tfal[31] huwa car li fix-xhur tas-sajf huma jattendu s-*summer school* **organizzata mill-istess skola** li fiha jattendu matul ix-xitwa. Huwa fatt maghruf li tipikament is-*summer schools* ghalkemm ma joffrux il-*curriculum* u s-suggetti akkademici li jigu mghallma fl-iskejjel matul is-sena skolastika, huma ugwalment edukattivi ghax joffru taghlim f'oqsma ohra partikolarment dawk kulturali u sportivi. Il-Qorti ghalhekk ma tarax il-ghala l-mizata mhallsa mill-appellata ghas-*summer schools* fil-perjodi msemmija m'ghandhomx jitqiesu nkluzi fl-obbligi tal-appellant li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez edukattivi ta' wliedu.

---

[23] Fol 114.
[24] Fol 13.
[25] Fol 14.
[26] Fol 25-27.
[27] Fol 28.
[28] Fol 114.
[29] Klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni – fol 5.
[30] Fol 140.
[31] Fol 12.

L-aggravju huwa michud.

**Il-hames aggravju: Ma nghata ebda piz mit-Tribunal ghall-fatt li l-attrici kellha l-obbligu li tirritorna l-uniformijiet tal-ulied minuri lill-appellant.**

L-ilment huwa li:

i. l-appellata qeghda tabbuza mill-obbligu tal-appellant li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-uniformijiet billi hija naqset milli tirritornahom lill-istess appellant wara li l-minuri jkunu lesti mill-uzu taghhom sabiex ikun hu li jevalwa x'jista' jerga' jintuza ghas-snin sussegwenti;

ii. it-Tribunal naqas ukoll milli jikkonsidra l-fatt li l-appellata ghazlet li tixtri pluralita' ta' uniformijiet meta hi taf li dawn m'humhiex mehtiega;

iii. l-obbligu tal-appellant li jhallas wahdu ghall-uniformijiet ma jaghti ebda dritt lill-appellata li tixtri hi stess l-uniformijiet tal-minuri u titlob ir-rimbors taghhom.

L-appellata tirribatti li:

i. Ma hemm ebda obbligu li l-appellata ghandha trodd lura xi uniformijiet tat-tfal lill-appellant. Anke kieku jezisti dan l-obbligu, xorta l-appellant mhuwhiex ezonerat mill-obbligu li jhallas ghall-uniformijiet in kwistjoni;

ii. Mhuwhiex minnu li l-appellata tixtri aktar uniformijiet milli suppost;

iii. L-appellata tkun kostretta tixtri l-uniformijiet hi ghax l-appellant ma jixtrix l-uniformijiet hu, u l-unika darba li ha hsieb hu kien halla ghall-ahhar u ma sab kwazi xejn mill-uniformijiet mehtiega mill-minuri. Hija ghalhekk jisthoqqilha rimbors tal-ispejjez li ghamlet fir-rigward.

## Konsiderazzjoni

Il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet imkien ma jobbliga lill-appellata sabiex tirritona l-uniformijiet tal-ulied minuri lill-appellant wara li ma jibqax uzu ghalihom. Jigifieri legalment ma jirrizulta ebda nuqqas da parti taghha fir-rigward.

Madanakollu l-Qorti ma tistax hlief tikkondividi mat-Tribunal u tappella ghal aktar buon sens bejn il-partijiet. Ma hemmx dubju li l-uniformijiet jiswew il-flus u ghalhekk l-appellata ghandha wkoll turi rieda tajba min-naha taghha u fejn maz-zmien ikun hemm partijiet mill-uniformi li t-tfal ma jibqghux jiguhom ghandha almenu tghaddihom lill-appellant.

Ferm il-premess, fi kwalunkwe kaz l-ilmenti l-ohra mertu ta' dan l-aggravju huma nfondati. Mill-ircevuti tal-uniformijiet esibiti ma jirrizultaw ebda pluralita'

ta' uniformijiet u f'kull kaz l-appellant naqas li jindika *se mai* liema kienu almenu fil-fehma tieghu. Ghal kull buon fini jigi osservat li quddiem it-Tribunal l-appellant kien ilmenta li ricevuta minnhom fiha erbgha u ghoxrin par kalzetti[32]. Mill-ircevuti esibiti a fol 12 hemm wahda mahruga mill-hanut ta' De La Salle stess li fiha tmintax il-par kalzetti. Pero' huwa car li dawn mhux biss huma batches ta' tlieta ta' kuluri differenti imma wkoll ta' qisien differenti intizi kjarament biex iservu liz-zewg ulied. Ma hemm xejn stramb li kull wild ikollu tlett pari kalzetti minn kull kulur ghas-sena skolastika shiha skont il-bzonn.

Inoltre, l-obbligu tal-appellant skont il-kuntratt huwa li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-uniformijiet u mhux necessarjament li jixtrihom hu. Mill-provi li tressqu l-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas da parti tal-appellata li l-uniformijiet tixtrihom hi u li qed titlob ir-rimbors taghhom. L-appellata xehdet[33] li anke sa minn meta l-partijiet kienu ghadhom mizzewwgin kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet tat-tfal. Spjegat illi l-hanut tal-uniformijiet tal-iskola jiftah f'Lulju u f'Settembru u hija kienet tmur f'Lulju sabiex tilhaq il-qisien li jkollha bzonn. Il-kalzetti gieli halliethom ghal Settembru ghax dawk jistghu jinxtraw minn aktar minn haunt wiehed. L-appellata tkompli hekk[34] –

> *"Nispjega li sena minnhom jiena kont hallejt f'idejh ghal uniformi izda hu kien ried li mmorru f'Settembru, morna fl-ahhar gurnata u prattikament ma konna sibna xejn. Nispjega li dakinhar li morna fl-ahhar gurnata konna morna jien u t-tfal u hadt hsieb inkejlilhom u Joseph kien gie aktar tard u meta wasal kont infurmajtu li s-sizes ma konniex ilhaqnihom. Jidhirli li mbaghad is-sena ta' wara kien ukoll xtaq li jiehu hsieb l-uniformijiet hu u jiena kont ergajt hallejt f'idejh izda prattikament rega' ma xtralhom xejn."*

Minn dan xejn ma gie nnegat mill-appellant.

Fic-cirkostanzi, il-fatt li hija l-appellata li tixtri l-uniformijiet ma jpoggihiex f'kunflitt mal-obbligi kontrattwali taghha. Dan jinghad dejjem pero' fl-isfond tas-suggeriment li l-appellata ghandha turi rieda tajba fil-konfront tal-appellant fir-rigward tal-uniformijiet li ma jkunx fadal uzu ghalihom.

L-aggravju huwa michud.

**Is-sitt aggravju: It-Tribunal naqas milli jaghmel ezami approfondit tar-ricevuti ezibiti mill-appellata u sa anke wasal biex akkorda hlasijiet in konnessjoni ma' ricevuti duplikati.**

L-ilment huwa li:

i. It-Tribunal skarta kompletament it-trattazzjoni li saret quddiemu in kwantu saret referenza ghal ricevuti duplikati nonostante l-fatt li t-Tribunal ha

[32] Fol 114.
[33] Fol 106.
[34] Fol 107.

notament tar-ricevuti esebiti doppjament (dawk a fol 22 li jinsabu wkoll a fol 23);

ii. L-appellata ma tistax tkun kredibbli f'dak illi tghid billi huwa llogiku li individwu jixtri mill-istess spizerija f'aktar minn okkazjoni wahda fil-gurnata;

iii. It-Tribunal zbalja meta kkonkluda li l-appellant ma kkawtelax ruhu ghall-fatt li hu l-appellata huwa spizjar. L-appellant isostni li tant ikkawtela ruhu li obbliga ruhu li s-somma ffissata ghar-retta alimentarja tkun tkopri wkoll l-ispejjez ta' sahha ta' wliedu.

L-appellata tirribatti li:

i. Ghalkemm hija tirrikonoxxi l-izball fir-rigward tal-ircevuti a fol 22 li gew replikati f'fol 23 xorta wahda s-somma totali tal-ircevuti tal-ispejjez minfuqa minnha meta mnaqqsa bl-ammont tal-ircevuti a fol 22 xorta twassal ghal somma akbar minn dik indikata fl-avviz promotur;

ii. Fir-rigward tal-allegazzjoni li ma huwhiex logiku li persuna tixtri minn spizerija aktar minn darba f'gurnata, hija tghid li l-ircevuti huwa prova minnhom infishom u l-appellant ma ressaq ebda prova kuntrarja.

**Konsiderazzjoni**

Huwa minnu li t-tlett ricevuti esibiti a fol 22 huma replikati fil-kolonna t'isfel ta' fol 23 tal-process, b'total ta' wiehed u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€21.60).

Kuntrarjament ghal dak li qed tghid l-appellata din id-duplikazzjoni ghandha effett fuq is-somma totali akkordata lilha mit-Tribunal u dana peress li mehudin l-ircevuti li taghhom qed titlob hlas fil-kawza, meta jigu mnaqqsa l-ircevuti duplikati l-appellata kellha tithallas €1,892.80 u mhux €1,914.40. Huwa car pero' li dan huwa lapsus/zball matematiku.

Milli-bqija l-aggravju huwa nfondat. It-talbiet tal-attrici huma kollha sostanzjati minn ricevuti. Huwa minnu li l-appellata xtrat il-maggor parti tal-medicini mill-ispizerija li fiha kien jahdem huha izda ma rrizulta xejn irregolari f'dan. Ix-xhieda kemm tal-ispizjar Neville Buttigieg[35] kif ukoll ta' sid l-ispizerija Franco Preca ma gietx kontradetta u s-suspetti tal-appellant li seta' kien hemm xi qerq da parti tal-appellata ma gewx pruvati lanqas.

Huwa minnu wkoll li hemm diversi ricevuti tal-medicini li huma f'perjodi vicini ta' xulxin u ohrajn li ma jispecifikawx l-isem tal-medicina. Madanakollu m'hemmx hjiel ta' xi abbuz min-naha tal-appellata. F'kull kaz il-Qorti ghal darb'ohra tissollecita lill-appellata biex tuza aktar prudenza meta tghaddi l-ircevuti tal-medicini lill-appellant. La se jhallas l-appellant ghandu dritt ikun jaf

[35] Fol 86 u 110.

ta' x'hiex qed ihallas u ghalhekk hija ghandha almenu tiehu hsieb li tavzah tempestivament dwar il-htigijiet ta' medicini tat-tfal u tindika liema huma dawk il-medicini fuq l-ircevuta stess.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' parzjalment is-sitt aggravju u tvarja s-sentenza fis-sens li tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellata s-somma ta' elf tmien mija u tnejn u disghin Ewro u tmenin centezmu (€1892.80) minflok elf disa' mija u erbatax il-Ewro u erbghin centezmu (€1914.40), bl-imghax jiddekorri kif deciz mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.**

**L-ispejjez kollha huma a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul